**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-13 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Vincenzo Zahra**

Il-Qorti,

Rat illi Vincenzo Zahra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 413045M gie akkuzat talli:

*Fi 03/09/2014 ghall-habta ta' 00:30hrs fi Triq ix-Xatt, Pieta'*

*(1) Bhala sid tal-vettura nru HBA 213, inqast li tara li jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja ta' cirkulazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta;*
*(2) Gieghelt, hallejt jew ippermettejt lil Dr Goffredo Gauci isuq l-imsemmija vettura minghajr ma' kien kopert b' polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;*
*(3) Kif ukoll hallejt l-imsemmija vettura fit-triq, tintuza minghajr ma' kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta (licenzja mhux rinnovata)*

*Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li inti tigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.*

Rat id-dokumenti u l-provi prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami tax-xhieda prodotta, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi sufficjenti biex din il-Qorti ssib htija fl-imputat fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Prosekuzzjoni ma resqitx provi dwar l-imputazzjonijiet. Addirittura mill-affidavit ta' rapprezentant ta' Transport Malta ezebit bhala Dok TM1 jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet registrata fuq l-imputat mid-19 ta' April 2012 izda fl-ebda hin ma tressqet prova li din il-vettura ma kellhiex licenzja ta' cirkulazzjoni u li ma kellhiex polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Kien biss fir-rapport tal-pulizija ezebit u fl-affidavit ta' PC 104 li nghad li "*meta jien ghamilt l-istharrig tieghi, sibt illi l-vettura kienet HBA 213 kienet b' licenza tat-triq u bla insurance ghas-sena 2014.*" Madanakollu, provi biex jikkorraboraw din l-allegazzjoni ma tressqux. Huwa minnu li gie ezebit dokument flimkien ma' l-affidavit tar-rapprezentant ta' Transport Malta (Dok TM1) fejn fih hemm id-dettalji tal-vettura HBA 213, fit-tarf ta' liema dokument hemm imnizzel li "*licence valid up to: 31/08/2014*". Izda din il-Qorti ma tqiesx li din hija prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar l-ewwel imputazzjoni.

In vista ta' dan, din il-Qorti sejra tillibera lil imputat mill-imputazzjonijiet kollha.

**Decide**

**Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu tilliberah mill-istess akkuzi.**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |